**16 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Sultana

*versus*

Petronilla Bugeja pr. et ne.

**Ritrattazzjoni — Dokumenti — Art. 814(k) tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi tiddisponi illi kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista' tiġi ritrattata, fost mot vi oħra, jekk, wara s-sentenza, jinstab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kienetx taf bih, inkella illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħetx iġġibu qabel is-sentenza.*

*Din id-dispożizzjoni ġiet interpretata ripetutament fis-sens illi ma tapplikax ħlief meta kien impossibbli jew diffiċli ħafna li d-dokumenti jiġi prodott fl-ewwel kawża.*

*Ma jammontax għall-injoranza tal-eżistenza tad-dokument, jew għall-impossibilità jew diffikultà kbira tal-produzzjoni tiegħu, il-fatt li min jitlob ir-ritrattazzjoni kien nesa li dak id-dokument kien jeżisti; u għalhekk din id-dimentikanza ma tiġġustifikax it-talba għar-ritrattazzjoni.*

*Ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju, u bħala tali hija ta' interpretazzjoni stretta.*

Il-Qorti:— Rat il-petizzjoni ta' Carmelo Sultana, li biha talab li tiġi ritrattata l-kawża maqtugħa minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar 1955, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, u dan għar-raġuni illi wara dik is-sentenza nstab dokument, eżibit fol. 251 tal-proċess, li hu deċiżiv, u li hu ma kienx jaf bih, u kwindi ma setgħax iġibu qabel dik is-sentenza, fis-sens tal-art. 814 (k) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi konsegwentement jiġi ritenut u deċiż li l-attur ipprova l-ftehim addott fiċ-ċitazzjoni li d-dar l-Imsida, Conception Street numru 29, kellha tiġi ritrasferita lilu, u kwindi jiġi akkolt, f'lok riġettat, l-appell li hu kien għamel mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-5 ta' Ottubru 1954, u hekk il-konvenuti jiġu kundannati jagħmlu t-trasferiment relattiv lill-attur kif mitlub fiċ-ċitazzjoni, bl-adozzjoni tal-provvedimenti hemm ukoll mitluba; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-motiv għar-ritrattazzjoni nvokat mill-attur hu dak kontemplat fil-paragrafu (k) tal-art. 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15, E.R.), li jgħid li kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista' tiġi ritrattata, "jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kienetx taf bih, inkella

illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħax iġġibu qabel dik is-sentenza";

Il-fatti li fuqhom l-attur jibbaża dan il-motiv, jekk wieħed jaċċetta għal kollox il-versjoni tiegħu, huma sostanzjalment dawn. Id-dokument in kwistjoni sar fl-1935. Hu kien nesieh għal kollox. Xi sitt xhur ilu, però, l-attur kien qiegħed jitkellem ma' ċertu Antonio Zerafa fuq il-kawża, u dan fakkru li kienet saret xi kitba. Allura l-attur ħa ħsieb, mar fittex qalb il-karti tiegħu, u sab dak id-dokument, li kien ma' ħafna karti oħrajn. Meta kien qiegħed jqalleb biex jara jsibx dan id-dokument, billi hu ma jafx jaqra, għażel dawk il-karti li deherlu setgħu jkunu l-iskrittura li kien qed ifittex; u ħadhom għand ċertu Caruana biex jaqrahomlu. L-attur kien soltu, ta' sikwit, jieħu karti lil dan Caruana biex jaqrahomlu u jgħinu jsib xi ħaġa li jkollu bżonn;

Iżda dawn il-fatti ma jikkostitwux legalment il-motiv għar-ritrattazzjoni kontemplat fid-dispożizzjoni tal-liġi fuq riportata. Din ġiet ripetutament interpretata fis-sens illi ma tapplikax ħlief meta kien impossibbli jew diffiċli ħafna li d-dokument jiġi prodott fl-ewwel kawża. Milli jidher dan il-prinċipju ġie stabbilit l-ewwel darba fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju 1895, in re "Schembri vs. Cachia", u minn dak iż-żmien ġie affermat f'serje sħieħa ta' sentenza oħra (ara, p.e. Kollez. Vol. XVI-I-76; XXIV-II-35; XXVII-I-853; XXVII-499; XXVIII-I-584 u 825; XXIX-I-645; XXXIII-I-703);

Fil-każ preżenti, la jista' jingħad illi l-attur ma kienx jaf bid-dokument (u dan għaliex hu stess kien parti fih, u ġie, kif jidher, iffirmat minnu), u lanqas jista' jingħad illi dak id-dokument ġie "ricuperato" (kif kien jgħid it-test antik taljan), jew li ma setgħax jiġi prodott bil-mezzi li tagħti l-liġi (u dan għaliex dak id-dokument kien u baqa' dejjem fil-pussess u fil-libera disponibilità tal-attur);

Evidentement, ma tammontax għall-injoranza tal-eżistenza ta' dak id-dokument, jew għall-impossibilità jew diffikultà kbira tal-produzzjoni tiegħu, l-allegata dimenti-

kanza tal-attur. Kif jingħad f'sentenza ta' Qorti Taljana riportata fit-trattat ta' Dominicantonio Galdi (*Commentario* del Codice di Procedura Civile, Vol. VI, p. 478, § 969 u (1), "non potersi dire documenti trovati di nuovo quelli che il producente possedeva e dei quali, non per forza maggiore, ma per propria negligenza, può non aver avuto cognizione. Non sarebbe ammissibile il giuramento da lui offerto di averli obliati, a meno che non provasse un disordine nelle sue facoltà mentali che gli avesse alterata la memoria". Il-mard mentali, debitament pruvat (u fil-każ preżenti lanqas biss ġie allegat), jista' talvolta jiġġustifika; imma d-dimentikanza fiha nnifisha le; meta, speċjalment, l-attur kellu żmien twil u kull raġuni biex jiftakar u l-akbar faċilità biex ifittex u jsib;

Ma għandux jintnesa illi "il rimedio della rivocazione della sentenza non più suscettiva di appellazione, uscita dal giudizio di secondo grado, rappresenta una eccezione al principio generale per cui ad ogni controversia giuridica è prestabilito un solo giudizio che trova il suo compimento nel giudicato". U bħala eċċezzjoni, dan ir-rimedju hu ta' interpretazzjoni stretta (Vol. XXVIII-I-584);

Għalhekk, anki jekk id-dokument in kwistjoni hu ġenwin, it-talba tal-attur għar-ritrattazzjoni ma tistgħax isseħħ, għar-raġunijiet fuq miġjuba; u l-Qorti tista' għalhekk tiddeċidi l-kawża indipendentement mill-eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni sollevata mill-konvenut (art. 806 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Għall-istess raġunijiet il-Qorti ma għandhiex bżonn tidħol fil-kwistjonijiet l-oħra mqajma mill-istess konvenut;

Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad it-talba tal-attur għar-revoka tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Jannar 1955, u għar-ritrattazzjoni tal-kawża b'dik is-sentenza maqtugħa; bl-ispejjeż kontra l-attur.